MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 223/2012

**GO p.l.c. (C-22334)
Vs
Carol Ann Price (K.I. 56859A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici, s-somma ta' hames mija wiehed u tmenin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€581.22) skont il-prospett hawn anness u mmarkat Dok A, liema ammont huwa dovut, in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, u cioe' dak televiziv, ta' l-internet u tat-telefon numru tal-kont A/C40145960 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; illi l-konvenut giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mit-22 ta' Jannar 2011 kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit- 12 ta' Novembru, 2012 mill- Prokuratur Legali Noel Scerri w l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija wiehed u tmenin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€581.22) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar pagament mit-22 ta' Jannar, 2011 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------